# Ġesù Kristu fil-ħajja tan-nisrani



MARIO CARUANA

# RIFLESSJONIJIET SPIRITWALI

**Sena 2020 - Malta**



***Nihil obstat:*** die 1ª iunii 2020
Mons. Hector Scerri
Cens. theol.

***Imprimatur:*** Datum in Curia Archiep.
Melit, Florianæ,
die 1ª iunii 2020
+ Joseph Galea Curmi
Ep. tit. Cebaradesen
Vicarius Generalis


| | |
|---|---|
| ***imejl:*** | ***caruanamario1@gmail.com*** |
| ***Mowbajl:*** | **99051756** |
| ***Indirizz Postali:*** | **Mario Caruana**<br>**P.O. Box 18, MaltaPost p.l.c. – B'Kara Branch**<br>**58, Triq il-Wied, Birkirkara BKR 9013, MALTA.** |

# DAĦLA

Dan il-ktejjeb mhuwiex intiż li jagħti xi tweġiba għall-mistoqsijiet tagħna dwar il-misteri tal-ħajja. Huwa sempliċement stedina biex inqallbu l-paġni tiegħu u nirriflettu ftit fuq il-ħajja tagħna bħala nsara u fuq ir-relazzjoni tagħna ma' Sidna Ġesù Kristu bħala s-Salvatur waħdieni tagħna.

Il-ħsieb hu li neżaminaw ftit l-ispirtu li bih qed ngħixu l-ħajja nisranija tagħna, bl-għarfien li Alla hu l-Missier tagħna li qiegħed tassew magħna anke fis-sitwazzjonijiet diffiċli ta' ħajjitna. F'dan id-dawl, tajjeb li nressqu quddiemu l-karba maħnuqa tal-qalb tagħna biex bil-grazzja tiegħu aħna nitwennsu bil-balzmu tal-ħniena tiegħu.

Ejjew inkunu grati lejn Alla għal dak kollu li Hu wettaq għas-salvazzjoni tagħna. Kemm hu sabiħ li nduqu t-tjieba tal-Mulej u nħalluh iwassalna għat-twettiq tal-pjan etern tiegħu – dak li nkunu għal dejjem miegħu f'Ġerusalemm il-ġdida fejn il-kori kollha tal-anġli flimkien mal-qaddisin ikantaw flimkien: '*Qaddis, qaddis, qaddis Hu l-Mulej Alla tal-eżerċti*.'

Mario Caruana

# IL-VOKAZZJONI EWLENIJA TA' KULL NISRANI



*'Dan huwa Ibni l-maħbub, li bih nitgħaxxaq; isimgħu lilu' (Mt 17:5).*

Nistgħu ngħidu li dal-kliem li ingħad minn Alla l-Missier fil-mument tat-trasfigurazzjoni ta' Ġesù fuq l-għolja tat-Tabor, jiġbor fih f'sentenza waħda l-vokazzjoni ewlenija ta' kull nisrani fil-vjaġġ tiegħu tal-ħajja u fil-mixja tiegħu lejn Alla.

Fil-mument tat-trasfigurazzjoni tal-Mulej, naraw kif Pietru, Ġakbu u Ġwanni kellhom ħarsithom miġbuda lejn id-dehra maestuża ta' Ġesù mlibbes bid-dawl tal-glorja. Quddiem dik il-preżenza meraviljuża ta' Alla, it-tliet appostli ma setgħux ma jħossux qalbhom titħeġġeġ u titfawwar b'ferħ inspjegabbli li żgur qatt ma xtaquh li jintemm. F'widnejhom baqa' jidwi b'mod qawwi l-kliem ta' Alla l-Missier: *Isimgħu lilu*.

Bħall-Appostli fil-mument tat-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù, nistgħu ngħidu li l-vokazzjoni ewlenija tagħna bħala nsara hija dik li nsammru ħarsitna fuq il-Persuna ta' Ġesù Kristu l-Iben t'Alla, nisimgħu l-kelma tiegħu u nħallu l-istess kelma tiegħu titrasforma l-ispirtu, il-qalb u l-ħajja tagħna. Hija proprju din is-sejħa t'Alla l-Missier biex **inħarsu** lejn Ġesù u **nisimgħu lilu,** li tista' verament tlaqqgħana mar-realtà sabiħa t'Alla fil-ħajja tagħna.

Hija sejħa li jekk nilqgħuha f'ħajjitna, għandha l-qawwa li titrasformana b'tali mod li bħal San Pawl inkunu nistgħu ngħidu, *'Mhux jien li ngħix imma Huwa Kristu li jgħix fija.'*

## IL-VERITÀ ĦELLIESA TAL-KELMA TA' KRISTU

Fl-Evanġelju ta' San Ġwann Kapitlu 8, Ġesù jgħid lil Lhud li kienu emmnu fih: '*Jekk iżżommu fil-kelma tiegħi, tkunu tassew dixxipli tiegħi, u tagħrfu l-verità u l-verità teħliskom*' (Ġw 8:31-32).

Aħna nistaqsu: 'Minn xhiex ser teħlisna jew tħarisna l-verità ta' Kristu?' Il-verità ta' Kristu teħlisna u tħarisna minn kull dnub jiġifieri minn dak kollu li jxekkel jew iġib firda fir-relazzjoni tagħna ma' Alla. Tant hu hekk li fl-istess silta, fid-diskors sussegwenti tiegħu Ġesù jkompli jgħid, '*Tassew, tassew ngħidilkom, li kull min jagħmel id-dnub huwa lsir tad-dnub. U l-ilsir ma jibqax fil-familja għal dejjem; imma l-iben għal dejjem jibqa'. Jekk l-Iben jeħliskom, tkunu tabilħaqq ħielsa' (Gw 8:34).*

Dan il-kliem ta' Ġesù jikkontradixxi dak li ħafna drabi tipprietka u tigglorifika d-dinja. Anke fi żminijietna, ħafna drabi niltaqgħu ma' prattiċi ta' ħajja, raġunar u filosofiji ta' ħsieb fejn il-bniedem jivvaluta dak li hu ta' valur u ta' ġid għalih skont kemm huwa jkun jipposedi ġid materjali u skont

kemm jirnexxilu jissodisfa l-gosti u l-aspirazzjonijiet personali tiegħu irrispettivament minn dak li tgħid il-liġi ta’ Alla.

Żgur li dil-kultura tad-dinja tiżvela b’mod l-aktar ċar forom ta’ skjavitù fejn il-bniedem jinqabad bejn l-erba’ ħitan kesħin tal-egoiżmu tiegħu nnifsu. Taħt il-madmad ta’ dan l-irbit, il-bniedem jinħakem mill-istess xewqat istintivi tiegħu u ma joqgħodx iqis il-konsegwenzi reali ta’ għemilu. Eventwalment dan iwassal għal tiġrib u gwaj reali, mhux biss fuqu nnifsu iżda wkoll fuq ħutu l-bnedmin u saħansitra fuq il-ħolqien innifsu.

Marbut b’dawn il-ktajjen tqal tal-egoiżmu tiegħu nnifsu, il-’Jien’ tal-bniedem jitqabad biex isib il-ħelsien f’dak li fil-fatt ma jkunx jista’ jagħtih ħelsien; dan iwassal biex il-bniedem isir skjav tiegħu nnifsu. F’dan il-jasar, il-bniedem jibda jkejjel il-valur tiegħu u ta’ ħajtu skont dak li jkollu u mhux skont dak li jkun tassew ta’ siwi għal ħajja tiegħu. Is-sodisfazzjon tal-egoiżmu tiegħu nnifsu jsir l-alla tiegħu u jkun lest li jinżel għarkupptejh biex jadura lil dan alla falz.

## ID-DNUB HUWA L-AKBAR GWAJ

Fost it-tiġrib kollu li qatt kien hawn jew li jista' jkun hawn fid-dinja, żgur li d-dnub huwa l-akbar gwaj. Id-dnub huwa l-akbar gwaj mhux biss għax ikasbar u jbaxxi d-dinjità tagħna bħala bnedmin iżda wkoll għaliex jista' tabilħaqq iwassal għat-telfien tal-glorja tal-ħajja ta' dejjem.

Fl-Ittra tiegħu lir-Rumani, San Pawl ukoll jitkellem dwar id-dnub u l-konsegwenzi reali tiegħu. Fil-fatt huwa jikteb, *'Ma tafux li meta tagħtu ruħkom bħala qaddejja lil xi ħadd biex tisimgħu minnu, issiru lsiera ta' dak li tisimgħu minnu, sewwa tad-dnub għall-mewt, sewwa ta' l-ubbidjenza għall-ġustizzja? Iżda niżżu ħajr lil Alla, għax kontu lsiera tad-dnub, imma qgħadtu minn qalbkom għal dik il-għamla ta' tagħlim li għaliha intom mogħtijin, u meħlusin mid-dnub tjassartu għall-ġustizzja.' (Rum 6:16-18).*

Illum ukoll, huwa meħtieġ li aħna bħala nsara nkunu missjunarji tal-valuri Kristjani hekk kif għallimhomlna Ġesù, u li bi mħabba u ubbidjenza nħallu l-Ispirtu Qaddis t'Alla jdawwalna u jiggwidana fil-vjaġġ ta' ħajjitna.

It-twissija tal-Appostlu San Pawl hija applikabbli għalina wkoll għaliex aħna wkoll irridu noqgħodu attenti li ma nitkaxkrux mal-imwieġ imqallba u l-irwiefen qliel tal-paganiżmu ta' żmienna. Irridu nħallu l-kliem tal-Ittra lir-Rumani jiftħilna għajnejna u jidwi fl-imkejjen ġewwenija tal-qalb tagħna – dak il-kliem li jgħid li, *'ħlas id-dnub hija l-mewt; imma l-għatja ta' Alla l-ħajja ta' dejjem fi Kristu Ġesù Sidna' (Rum 6:23).*

Ġesù jgħidilna, *'Jekk tħarsu l-kmandamenti tiegħi, intom tibqgħu fi mħabbti, kif jiena ħarist il-kmandamenti ta' Missieri u qiegħed fi mħabbtu. Għedtilkom dan biex il-ferħ tiegħi jkun fikom, u biex il-ferħ tagħkom ikun sħiħ. Dan hu l-kmandament tiegħi: li tħobbu lil xulxin kif ħabbejtkom jien.' (Ġw 15:12-12).*

Għaldaqstant, li nilqgħu, ngħożżu u ngħixu l-kelma ta' Kristu jfisser li nħallu l-imħabba tiegħu tgħammar fina għaliex hija din l-imħabba li tqaddisna u li tagħtina l-milja tal-ferħ. F'dan id-dawl, il-kelma t'Alla u l-kmandamenti tiegħu ma nibqgħux nħarsu lejhom bħala xi forom ta' restrizzjonijiet imposti fuqna iżda nagħrfu li huma

doni ħerġin mill-qalb ħanina u providenzjali t'Alla biex jagħmluna u jgħinuna nkunu tassew ħielsa fi Kristu.

Irridu nammettu li l-verità ta' Ġesù tgħarbilna u bħal bniedem f'operazzjoni, tiftaħna minn ġewwa u turina r-realtà tagħna nfusna u tal-ifned ġewwieni ta' qalbna. Ħafna drabi jkollna nweġġgħu biex niltaqgħu mar-realtà tagħna nfusna għaliex il-Kelma t'Alla *'taqta' aktar minn sejf b'żewgt ixfar u tinfed sa fejn tinfired ir-ruħ mill-ispirtu, sal-ġogi u l-moħħ, u tgħarbel il-ħsus u l-ħsibijiet tal-qalb, għax kollox għeri u mikxuf quddiem għajnejn Dak li rridu nagħtuh kont' (Lhud 4:12-13).*

Iżda minkejja l-uġigħ u l-iskumdità, hija l-istess Kelma t'Alla li tfejjaqna u tagħtina l-ħelsien biex ngħixu l-umanità tagħna b'sens ta' dinjità. F'Salm 14 is-Salmista jgħid lil Alla, '*Għallimni nagħmel ir-rieda tiegħek, għax Int Alla tiegħi. Ir-ruħ tiegħek tajba tmexxini fi triq watja.'*

## F'GĦAQDA WAĦDA MA' KRISTU

Ma nistgħux nagħmlu kompromessi mal-liġi ta' Alla jew niddivorzjaw il-verità ta' Kristu mir-realtà ta' ħajjitna. Bħalma ċ-ċurkett taż-żwieġ huwa simbolu tal-għaqda u l-għotja reċiproka tal-imħabba bejn il-miżżewġin fit-tajjeb u l-ħażin, hekk ukoll aħna bħala nsara għandna nħarsu l-fedeltà li tgħaqqadna fi mħabba safja ma' Kristu bħalma fuq kollox Kristu huwa fidil fi mħabbtu lejna.

L-għaqda tagħna ma' Kristu, ma tistax tkun għaqda ta' konvenjenza. Hija għaqda li tagħmilna lkoll ġisem wieħed, bi *Kristu r-Ras tal-ġisem mistiku u aħna l-membri tiegħu.* Għaldaqstant din hija għaqda li żżewwiġna mal-Mulej u li biha aħna nkunu parti mill-familja tiegħu li nsejħulha l-Knisja biex hekk aħna naqsmu u nieklu l-ħobż tal-ħajja miegħu u ngħixu flimkien bħal aħwa bix-xorb tad-Demm qaddis tiegħu.

Meta bħala nsara nifirdu l-verità ta' Kristu mir-realtà ta' ħajjitna, inkunu qed nissograw li ngħaddu minn toroq li jwassluna f'destinazzjonijiet fejn aħna ma nkunux nixtiequ

naslu jew li ftit li xejn inkunu antiċipajna li ser naslu. Mhux ta' b'xejn li l-kelma ta' Ġesù hija dik li tagħti l-veru sens lill-ħajja tagħna għaliex il-kelma tiegħu tmur lil hinn mill-konfini taż-żmien li aħna ngħixu fih f'din id-dinja. Fil-fatt fl-Evanġelju ta' San Ġwann insibu lil Ġesù jgħid lil Lhud, '*Tassew, tassew ngħidilkhom li min iħares il-kelma tiegħi ma jara qatt il-mewt*.'

Huwa f'dan id-dawl li aħna nistgħu nagħrfu kemm il-kelma ta' Kristu hija tassew dik li tilliberana. Hija l-istess nixxiegħa ħajja ta' grazzji li jsostnu l-preżenza ħajja ta' Alla fina. Ġesù jgħid, *'Jekk xi ħadd iħobbni, iħares kelmti, u Missieri jħobbu, u aħna niġu u ngħammru għandu' (Ġw 14:23).*

Meta aħna nħallu l-kelma ta' Ġesù ssawwar il-ħsibijiet u tibni l-qalb tagħna, aħna nsiru tempju ta' Alla Trinità u l-preżenza tiegħu fina tqaddisna. Barra minn hekk, il-kelma ta' Kristu tħarisna minn dak kollu li jikkalpesta l-ħajja u d-dinjità tagħna bħala bnedmin. Il-verità ta' Kristu hija dik li teħlisna mill-jasar tal-egoiżmu tagħna, iġġarraf is-suppervja tagħna u tgħaqqadna flimkien f'familja

waħda taħt il-ħarsien providenzjali tal-Missier Etern.

Huwa wkoll f'din il-perspettiva li aħna nistgħu nifhmu kemm id-Demm qaddis tal-Qaddej ġust u innoċenti Ġesù Kristu Sidna, huwa d-Demm prezzjuż tal-liberazzjoni tagħna. Dan għaliex id-Demm qaddis tal-Mulej, għandu l-qawwa li jqaċċat minna l-ktajjen kollha li jorbtuna magħna nfusna u jagħtina l-ħelsien biex ngħixu d-dinjità tagħna bħala bnedmin.

F'din id-dimensjoni, nistgħu ngħidu li Alla ħares lejn il-ħolqien tad-dinja u tal-bniedem fid-dawl tal-misteru tad-Demm qaddis tal-Iben il-waħdieni tiegħu. Fid-Demm qaddis ta' Ġesù, Alla ra l-pjan tas-salvazzjoni li huwa ħejja għalina sa mill-eternità. Dan jikkonfermah San Ġwann fil-prologu tiegħu meta kiteb, '*Fil-bidu kien il-Verb, u l-Verb kien ma' Alla, u l-Verb kien Alla. Hu kien fil-bidu ma' Alla. Kollox bih sar, u xejn ma sar mingħajru; kulma sar kellu l-ħajja fih, u l-ħajja kienet id-dawl tal-bnedmin.*'

## SINCERITÀ FIL-FIDI TAGĦNA

Ma nistgħux inkunu verament dixxipli ta' Ġesù jekk nagħżlu mill-Kelma tiegħu dak biss li jaqbel lilna skont iċ-ċirkostanzi ta' ħajjitna filwaqt li nwarrbu mill-Kelma tiegħu dak kollu li ma jdoqqx għal widnejna jew li jkun jiskomodana. Santu Wistin igħid li, '*jekk aħna nagħżlu mill-Evanġelju dak biss li jogħġob lilna u nwarrbu minnu dak li ma jogħġobniex, allura aħna mhux l-Evanġelju nkunu qed nemmnu iżda biss lilna nfusna*.'

Il-Kelma ta' Ġesù hija l-Kelma t'Alla nnifsu. Din m'hijiex qegħda hemm biex naġġustawha skont l-aptiti, il-gosti jew il-fehmiet ulterjuri tagħna. Huwa aħna li rridu naġġustaw ħajjitna skont il-Kelma t'Alla u mhux Alla jaġġusta l-Kelma tiegħu skont il-pretensjonijiet u l-gosti tagħna. Mhijiex xi bozza li nitfuha jew nixgħeluha kull meta jfetlilna jew skont kif ikun jaqbel lilna fiċ-ċirkostanzi. Il-Kelma t'Alla hija d-dawl qaddis u providenzjali t'Alla li turina kif għandha tkun tassew l-imħabba sinċiera tagħna lejn Alla u lejn xulxin fil-vjaġġ tal-fidi tagħna.

Il-venerabbli Arċisqof Fulton J. Sheen jgħid li, '*jekk aħna ma ngħixux dak li nemmnu fih, nispiċċaw biex nibdew nemmnu dak li nkunu qed ngħixu fih.*' Jekk il-kelma ta' Ġesù ma tkunx għalina t-triq tal-ħajja tagħna, huwa faċli li nispiċċaw biex nibdew ngħixu xi 'vanġelu' ġdid li nkunu aħna stess ħloqna u adattajna għaċ-ċirkostanzi tagħna. Dan ifakkarna fi kliem tal-Ittra ta' San Pawl lill-insara ta' Korintu fejn iwissihom biex joqogħdu attenti li ma jinqabdux fin-nassa ta' tagħlim żbaljat '*fejn jiġi imxandar lilhom Ġesù ieħor u jispiċċaw ħsibijithom jitħassru u jiddensu mis-safa tagħhom ma' Kristu.' (2 Kor 11:3)*

Meta aħna nħallu l-kelma ta' Ġesù tkun dik li ddawwalna u tmexxina, il-ħajja tagħna ssir xhieda ħajja ta' dak li Alla jista' jagħmel fina u bina. Fl-ittra tiegħu lill-Korintin, San Pawl igħid: *'Jekk mela xi ħadd hu fi Kristu, hu ħliqa ġdida: il-qadim mar, u ara issa hemm il-ġdid.' (2 Kor 5:17).*

L-aċċettazzjoni ta' Ġesù u l-kelma tiegħu f'ħajjitna, twassal biex aħna ngħixu tassew dik l-identità li tagħmilna nixbhu lil Alla. Permezz ta'

hekk, ħajjitna u l-atteġjamenti tagħna lejn il-ħajja, isiru stqarrija ħajja li aħna nappartjenu lil Alla.

## TRASFORMAZZJONI TAL-ĦAJJA TAGĦNA

Il-kelma ta' Ġesù u l-esperjenza tiegħu f'ħajjitna, huma dawk li jittrasformaw il-mod ta' kif aħna nħarsu lejn ir-realtajiet ta' ħajjitna u tad-dinja li qed ngħixu fiha. Huwa dan l-ispirtu qaddis ta' Ġesù li jista' verament jagħti sens lill-għemejjel kollha tagħna u bħal ħmira jkabbar u jtejjeb l-għaġna tar-relazzjoni tagħna m' Alla, ma' ħutna l-bnedmin u l-ħolqien kollu.

Aktar ma nisimgħu l-kelma ta' Ġesù u nħalluha taħdem f'qalbna, aktar isseħħ fina din it-trasformazzjoni spiritwali u interjuri li fiha aħna wkoll nibdew nirreflettu d-dawl qaddis tal-grazzja ta' Alla. Mhux ta' b'xejn li Ġesù stess jgħid, *`Intom id-dawl tad-dinja. Belt li tkun qiegħda fuq muntanja ma tistgħax tinħeba. Anqas ma jixegħlu l-musbieħ u jqegħduh taħt il-kejl, imma fuq l-imnara, u hekk idawwal lil kull min ikun fid-dar. Hekk għandu jiddi d-dawl tagħkom quddiem*

*il-bnedmin, biex jaraw l-għemejjel tajba tagħkom u jagħtu glorja lil Missierkom li hu fis-smewwiet' (Mt 5:14-16).*

L-ispirtu ta' Ġesù f'ħajjitna huwa dak li jittrasforma l-mod ta' kif aħna nħarsu lejn il-misteri profondi li, irridu jew ma rridux, ikollna niltaqgħu magħhom f'ħajjitna, bħalma huwa l-misteru tat-tbatija. Hi din l-esperjenza ħajja ta' Ġesù fil-ġewwieni tal-qalb u l-ispirtu tagħna li tista' verament tgħinna biex nafdaw aktar fil-ħidma providenzjali t'Alla. Dan hu possibli anke f'dawk il-mumenti diffiċli fejn aħna ma nkunux nistgħu nifhmu jew niġġustifikaw dak li jkun qed jiġri fina u madwarna.

## ID-DRIEGĦ PROVIDENZJALI T'ALLA

Quddiem il-misteri u t-tbatijiet tal-ħajja, ħafna drabi nitħawwdu għaliex ma nkunux nistgħu nsibu tweġiba għal dak li jkun qed ikiddna. Drabi oħrajn, inwaħħlu f'Alla jew neħduha kontrih għal dak kollu li jiġi kontra r-rieda tagħna, jekk mhux ukoll nakkużawh li huwa biered għas-

sitwazzjonijiet diffiċli li nkunu għaddejjin minnhom.

Kultant inħossuna qed negħrqu fl-ibħra mqallba tal-maltemp tal-ħajja u naħsbu li Alla jinsab rieqed bla ma jinteressah minn dak li jkun qed jiġri fina u madwarna. Fi drabi oħrajn, nippretendu li għandu jiġri dak li aħna nkunu ppjanajna li jiġri iżda meta jinqala' xi saram li jħarbat it-toroq tagħna, forsi malajr nitħawwdu u nkunu rridu li ningħataw tweġibiet immedjati u defenittivi li jiġġustifikaw dak li jkun ġara.

Quddiem sitwazzjonijiet ta' diżgrazzji u ċirkostanzi diffiċli f'ħajjitna, naslu biex saħansitra nitgerrfxu fil-ħsibijiet tagħna u nibdew nitkellmu b'lingwaġġi ta' fidi differenti għaliex il-biża', il-misteru u d-dgħufijiet tagħna jsiru dawk li jifformolaw it-twemmin ġdid tagħna. Nippretendu li Alla għandu jaġixxi fl-istorja u fil-ħajja tagħna skont, meta u kif aħna nippretendu li għandu jintervjeni.

Nispiċċaw biex nikkonvinċu lilna nfusna li l-ħsibijiet u l-fehmiet tagħna huma assoluti u li Alla għandu jsegwi l-pjanijiet tagħna. Ma rridx

nimplika li dan ikun neċessarjament ġej mis-suppervja tagħna nfusna iżda possibilment jista' jkun ukoll riżultat ta' għamad li ma jħalliniex naraw dak li Alla jkun jridna naraw fiċ-ċirkostanzi ta' ħajjitna. Għaldaqstant f'din id-dimensjoni, nibdew insibuha diffiċli li aħna nintelqu b'fiduċja sħiħa f'idejn Alla biex insegwu l-pjanijiet tiegħu għalina.

Kif jgħidilna Ktieb il-Għerf, *'liema bniedem jista' jagħraf fehmet Alla, jew min jista' jaħseb xi jrid il-Mulej? Ħsibijiet il-bnedmin beżżigħin, u indeċiżi l-fehmiet tagħna. Għax il-ġisem, li jitħassar, itaqqal ir-ruħ, u l-għamara tiegħu fl-art tgħabbi l-moħħ li jaħseb ħafna.' (Għerf 9:13-15)*

Quddiem sitwazzjonijiet bħal dawn, bħal donnu li nkunu rridu nittrasferixxu jew nattribwixxu ċ-ċirkostanzi diffiċli jew diżgrazzji ta' ħajjitna fuq xi ħadd jew xi ħaġa, jekk mhux ukoll fuq Alla. Fi kliem ieħor, nispiċċaw insammru ħarsitna fuq id-diżgrazzja nnifisha jew fuq it-tiġrib li nkunu għaddejjin minnu. U dan bir-raġun kollu għaliex aħna bnedmin imperfetti, u nagħrfu u nibżgħu

meta niltaqgħu wiċċ imb wiċċ mad-dinja tal-misteru u r-realtà tal-vulnerabiltà tagħna.

Minkejja dan kollu, ma rridux ninsew iċ-ċanfira ħelwa li Ġesù ta lill-appostli tiegħu dak in-nhar li kienu fuq id-dgħajsa u inqalgħet maltempata, '*Min xhiex qed titbeżżgħu, ja nies ta' fidi żgħira?*' Fl-istess ħin, fl-Evanġelju insibu wkoll lil Ġesù jqawwi qalb id-dixxipli tiegħu u tagħna wkoll, meta jgħid, '*La tibżgħux. Jiena Hu*.' Ġesù ma ġiex fid-dinja biex ineħħi t-tbatija mid-dinja iżda biex anke fit-tbatija tagħna aħna nitwennsu bl-għarfien tal-preżenza t'Alla magħna.

## NINTELQU FI ĦDAN IL-MULEJ

Huwa fatt li d-dinja tal-lum, bniet u straħet wisq fuq il-forzi tat-teknologija u x-xjenza b'tali mod li nsejna li filwaqt li l-isforzi tagħna huma relevanti u meħtieġa iżda dan ma jfissirx li d-dinja qed iżżomm fl-eżistenza bl-isforzi tagħna. Ninsew li Alla huwa s-Sid tal-ħolqien u li kollox qed iżomm fl-eżistenza bis-saħħa tal-ħniena, is-setgħa u d-driegħ providenzjali tiegħu li jfornu lilna bis-

saħħa u l-intelliġenza u b'dak kollu li hu meħtieġ biex aħna nikkollaboraw mal-pjan divin tiegħu biex iwassal il-ħolqien għall-milja tal-perfezzjoni tiegħu.

Huwa proprju f'mumenti bħal dawn li aħna bħala nsara, irridu nġeddu fina t-twemmin tagħna li Alla huwa magħna u li huwa kontinwament attiv fl-istorja u l-ħajja tagħna. Fl-istess ħin, irridu niftakru li Alla huwa l-Missier ħanin, ġust u setgħani u li bih u fih xejn ma jonqosna. Fil-ħniena providenzjali tiegħu, Alla ma jagħtiniex dak kollu li aħna nitolbu jew li nippretendu li hu għandu jagħtina. Fil-ħsibijiet eterni tiegħu, Alla jagħtina dak li jkun tassew meħtieġ u tal-akbar ġid għalina.

Għalhekk bħalma jgħid l-Appostlu Missierna San Pawl, *'aħna għandna dejjem inbierku lil Alla fiċ-ċirkostanzi kollha ta' ħajjitna'* għaliex huwa jrieġi kollox għall-glorja tiegħu u l-ġid tal-bniedem. Dak li f'ħarsitna jidher rovina jew diżgrazzja, bis-setgħa tad-driegħ providenzjali tiegħu, Alla għandu l-qawwa li jbiddlu fi grazzja.

Alla huwa dak li jħares l-interessi proprji tagħna għaliex jagħraf kollox anke dawk il-ħwejjeg li jiġu

kontra r-rieda tagħna u li jkidduna. Għaldaqstant hija dit-tip ta' fidi li tgħinna nistrieħu fil-kenn tal-qawwa u l-ħniena providenzjali t'Alla. Ikunu xi jkunu ċ-ċirkostanzi ta' ħajjitna jew diffiċli kemm ikunu diffiċli, żgur li Alla ser ikun qed irieġi kollox għal glorja tiegħu u għall-ġid tagħna stess, liema ġid mhux dejjem nagħrfuh jew napprezzawh.

Il-providenza t'Alla turina li Alla huwa kontinwament u attivament preżenti fil-ħolqien, fil-ħajja u fl-istorja kollha tal-umanità. Kif insibu fil-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, '*aħna nemmnu bil-qawwa kollha li Alla hu Sid id-dinja u Sid ta' l-istorja. Iżda t-triqat tal-Providenza tiegħu spiss m'humiex magħrufin minna. Biss fit-tmiem ta' kollox ma nibqgħux nagħrfu biċċa, imma naraw 'l Alla 'wiċċ imb wiċċ' (1 Kor 13:12), u jkunu għal kollox magħrufin minna t-triqat li minnhom ukoll, permezz tat-traġedji tad-deni u d-dnub, Alla jkun wassal il-ħolqien tiegħu sal-mistrieħ tas-Sabbat (Sibt) (Ġen 2:2) definittiv: hu għal dan il-għan li Alla ħalaq is-sema u l-art.' (KKK para. Nru. 314).*

Anke l-mumenti ta' diżgrazzji f'ħajjitna, huma opportunitajiet ta' grazzji biex aħna nikbru fil-fidi

tagħna f'Alla u nintelqu fi ħdanu għaliex nemmnu li t-tjieba providenzjali tiegħu trieġi kollox għal ġid tagħna lkoll. Huwa proprju f'dan id-dawl li Santa Tereżina ta' Lisieux kienet tgħid li '*kollox huwa grazzja.*' Mhux ta' b'xejn ukoll li Santa Tereża ta' Ġesù (ta' Avila) tgħid, *'Tħalli xejn iħawdek, la tħalli xejn ibeżżgħek. Kollox jgħaddi. Alla biss ma jinbidilx. Bis-sabar kollox jinkiseb. Min għandu 'l Alla, xejn ma jonqsu. Alla waħdu biżżejjed.'*

Li kieku tassew bħala nsara nemmnu li Alla jrieġi kollox għal ġid tagħna, li kieku żgur li qegħdin ngħumu fis-serenità tal-ispirtu u bil-konsolazzjoni ġewwienija li jiġri x'jiġri f'ħajjitna, aħna qegħdin taħt il-ħarsien salvifiku u providenzjali t'Alla.

## LIL HINN MINN DAK LI NARAW

Fil-parabbola tal-Iben il-ħali, Ġesù stess uriena kif meta l-iben iż-żgħir telaq minn dar Missieru u berbaq il-ġid kollu tas-sehem tal-wirt tiegħu, huwa sab ruħu f'sitwazzjoni miżera fejn lanqas biss kellu biex jitrejjaq; saħansitra xtaq li jimla żaqqu mqar b'dak li kienu jieklu l-qżieqeż. Kien proprju f'dak il-mument ta' miżerja li l-iben

irrifletta dwar ħajtu, għaraf id-dnub tiegħu u ddeċieda li jerġa' lura għand il-Missier.

Nistgħu ngħidu li dak il-gwaj li dan l-iben kien sab ruħu fih, mhux biss wasslu biex jiċċaqlaq minn dik is-sitwazzjoni mwiegħra iżda saħansitra instigah biex jirrifletti u jerġa' jmur lura jfittex il-kenn f'dar missieru, imqar bħala wieħed mill-qaddejja tiegħu.  Fl-istess ħin ninnotaw wkoll li, minkejja l-mod xejn dinjituż li dan l-iben kien ġab ruħu ma' missieru, iżda huwa xorta waħda emmen li missieru seta' b'xi mod jew ieħor jgħinu biex jinqala' mill-miżerja li kien sab ruħu fiha minħabba l-ostinazzjoni tiegħu.

Hija proprju din il-fidi f'Alla li jilqagħna anke fil-miżerja tagħna, li tista' verament twassalna biex noħorġu mill-konfini ristretti tagħna nfusna u nibdew naraw dak li Alla jkun iridna naraw.  Hija l-fidi li twassalna biex nagħrfu li Alla huwa l-kenn ta' ħajjitna u li bih u fih aħna għandna l-qawwa li naqdfu kontra l-ħalel qliel tal-imwieġ tal-ħajja biex naslu fil-port tas-salvazzjoni.

Meta aħna nirriflettu fuq din il-parabbola, ħafna drabi ħarsitna tinġibed mill-ewwel lejn it-tbatija



reali li dan l-iben kellu jġarrab. Niġġudikaw din il-miżerja bħala diżgrazzja u fid-deher ma nistgħux ngħidu li ma kenitx. Madankollu, inkunu qed

niżbaljaw jekk ħarsitna tieqaf biss fuq is-sitwazzjoni attwali li tkun tidher u ma tmurx lil hinn minn hekk.

Bħala bnedmin, ħafna drabi aħna nilmentaw quddiem sitwazzjonijiet diffiċli jew xejn pjaċevoli li jkollna nħabbtu wiċċna magħhom. Ma nkunux qed nifhmu dak li jkun qed jiġri jew għaliex ikun qed jiġri. Nispiċċaw biex noqogħdu nibku u nistħu xortina filwaqt li ninsistu li nkunu waqajna taħt xi stilla ħażina jew li nsteħitna minn xi ħadd li ma tantx ikollna fiduċja fih jew li ma jdoqqx għall-gosti tagħna.

Quddiem il-misteru tat-tbatija f'ħajjitna, għandna ħabta kif ninqaflu fina nfusna u neħlu mas-sitwazzjoni attwali li nkunu għaddejjin minnha. Bħal donnu li ħarsitna tieqaf fuq l-għuda ħarxa tas-salib bla ma naraw is-sebħ u l-glorja tal-qawmien. Nieqfu nħarsu lejn id-daqqa tal-lanza li Ġesù qala' fil-kustat tiegħu bla ma nagħrfu li d-Demm prezzjuż li gelgel mill-pjaga tal-kustat, huwa l-istess Demm tas-salvazzjoni tagħna u li fih u bih aħna nsibu l-qawwa u l-ħajja tagħna.

Fil-ħsieb ta' Alla, sitwazzjonijiet diffiċli f'ħajjitna jistgħu jkunu opportunatijiet ta' grazzja biex hu jeżerċita u jurina s-setgħa bla tarf u d-driegħ providenzjali tiegħu. F'dan Il-kuntest, aħna bħala nsara li nemmnu fil-Persuna divina tal-Mulej Ġesù, irridu ninterpretaw dak kollu li jiġri fina u madwarna fid-dawl tal-ħniena u t-tjieba providenzjali t'Alla.

Alla tagħna huwa Alla tas-salvazzjoni. Huwa Alla li tassew jimpurtah minni u minnek. Mhuwiex maqtugħ mir-realtajiet ta' ħajjitna anzi kontinwament attiv biex jara li r-rieda tiegħu titwettaq fina u bina. Meta Ġesù qalilna biex inħarsu lejn Alla bħala Missier, dan għamlu biex fis-sitwazzjonijiet kollha ta' ħajjitna nagħrfu u nemmnu li aħna tassew imħaddnin mill-ħniena u l-imħabba bla tarf tiegħu.

## NAFDAW FIL-ĦNIENA U S-SETGĦA T'ALLA

Irid ikollna fiduċja sħiħa f'Alla li huwa tabilħaqq il-Missier etern li għandu s-setgħa, ir-rieda u l-qawwa li jħarisna fis-sitwazzjonijiet ta' ħajjitna iżda dan mhux neċessarjament bil-mod ta' kif

nippretendu aħna għaliex kif jgħid Alla lil Profeta Isaija '*triqati mhumiex triqatkom u l-fehmiet tiegħi mhumiex il-fehmiet tagħkom.'* Madankollu huwa żgur li fil-ħsibijiet providenzjali tiegħu, Alla dejjem jagħtina dak li huwa tassew ta' ġid għalina u li jiswa tabilħaqq għall-ħajja u l-fidwa tagħna.

Irridu nammettu li xi drabi aħna nkunu ttentati u inklinati li naqtgħu qalbna meta fis-sitwazzjonijiet diffiċli ta' ħajjitna, aħna naraw li m'aħniex naqilgħu dak li aħna nkunu qed nitolbu. Nersqu quddiem Alla bil-pretensjoni li jagħtina dak kollu li nkunu qed nitolbuh. Nippretendu u nistennew b'xi dritt li Alla jintervjeni u jagħtina direttament dak li aħna nkunu qed nitolbuh. Fi drabi oħrajn, meta aħna ma naqilgħux dak li nitolbu, bħal donnu li nitilfu l-fiduċja tagħna f'Alla jew naħsbu li huwa trux għat-talbiet tagħna.

Meta l-Appostlu Missierna San Pawl kien sejjer Ruma u minflok spiċċa bil-ġifen tiegħu inkaljat ma' blata, ħafna tnikktu, tbeżżgħu u ġġudikaw il-każ bħala diżgrazzja kbira. Iżda ħadd ma kien joħlom li dik l-istess ġrajja li kienet qed tidher bħala traġedja f'għajnejn il-bnedmin, kienet fil-fatt ċirkostanza fejn Alla estenda d-driegħ

providenzjali tiegħu biex huwa jwassal id-don tal-fidi fi Kristu anke f'pajjiżna.

Irridu nammettu li mhux dejjem nifhmu l-ħsibijiet u l-pjanijiet t'Alla għalina iżda l-importanti hu li nafdaw lil Alla u nħallu lilu jwettaq ir-rieda tiegħu fina. Fi kliem ieħor, li jkollna d-dispożizzjoni interjuri bħalma kellha Sidtna Marija Santissima li ngħidu lil Alla, *'Ħa jkun minni skont kelmtek*'. Dan irid isir anke meta aħna ma nkunux nistgħu nifhmu dak li jkun qed jiġri fina jew madwarna; u anke meta ma nkunux nafu 'l għaliex ikunu qed iseħħu ċertu grajjiet f'ħajjitna.

Kien l-Iben t'Alla stess li wriena kif għandha tkun ir-relazzjoni tagħna ma' Alla. Ġesù stess kien joqgħod għar-rieda tal-Missier tant li bħalma jgħid San Pawl f'waħda mill-Ittri tiegħu, '*Ġesù kien ubbidjenti sal-mewt anzi sal-mewt tas-salib*.' Ġesù stess jgħid, *'L-ikel tiegħi hu li nagħmel ir-rieda ta' min bagħtni u li nwassal fit-tmiem l-opra tiegħu' (Ġw 4:34).* Fl-Evanġelju ta' San Ġwann, Ġesù jgħid*, 'Għax jiena nżilt mis-sema mhux biex nagħmel ir-rieda tiegħi, imma r-rieda ta' min bgħattni. Issa r-rieda ta' min bgħattni hija din: li*

*jiena ma nitlef xejn minn dak kollu li tani, iżda li nqajmu mill-imwiet fl-aħħar jum.  Din hija tabilħaqq ir-rieda ta' Missieri:  li kull min jara lill-Iben u jemmen fih, ikollu l-ħajja ta' dejjem u jiena nqajjmu mill-imwiet fl-aħħar jum.' (Ġw 6:38-40)*

San Alfons Maria de Liguori jgħid li, *'ftit huma dawk l-erwieħ li jagħrfu dak li Alla jista' jwettaq fihom li kieku huma kellhom jintelqu fl-idejn providenzjali tiegħu u jħallu l-grazzja tiegħu tagħġinhom skont ir-rieda tiegħu.' U* Santa Tereża ta' Lisieux tgħid li '*l-qdusija tikkonsisti f'li nagħmlu r-rieda t'Alla minna u li nkunu dak li Alla jridna nkunu*.'

Jekk nagħmu hekk, flimkien ma' San Pawl inkunu nistgħu ngħidu, *'Min ser jifridna mill-imħabba ta' Kristu? Taħbit, dwejjaq, persekuzzjoni, ġuħ, għera, perikli, sejf?'.  'Aħna dejjem rebbieħa bil-għajnuna ta' dak li ħabbna.  Iva, jiena żgur li u la l-mewt lanqas il-ħajja, la l-anġli lanqas ir-Rjasiet, la ż-żmien ta' issa lanqas li ġej, lanqas is-setgħat, la l-għoli lanqas l-għamiq, lanqas l-ebda ħliqa oħra ma tista' tifridna mill-imħabba ta' Alla li dehret fi Kristu Ġesù Sidna' (Rum 8:37-39).*

# KOMUNITÀ TAD-DEMM QADDIS TA' ĠESÙ

## Devozzjoni, Impenn u Xhieda



**Il-għan ewlieni ta' din l-Għaqda ġdida huwa t-tixrid tad-devozzjoni lejn id-Demm qaddis ta' Ġesù. Din l-Għaqda hija waħda strettament volontarja u sħubija fiha hija b'xejn.**

## *KATINA TA' TALB U DEVOZZJONI*

Qed infittxu persuni biex jissieħbu bħala **Sostenituri** tal-Għaqda li l-impenn tagħhom ikun dak li:

- **jgħidu l-Kurunella tad-Demm qaddis ta' Ġesù, tal-anqas darba fil-ġimgħa;**
- **jgħinu fit-tixrid ta' din id-devozzjoni qaddisa.**

*Il-membri tal-Komunità jibbenifikaw mit-talb li jsir mill-Komunità kif ukoll minn xi materjal li jkun publikat. Il-membri jiġu wkoll mħeġġa biex jgħinu fit-tixrid tad-devozzjoni u f'xi ħidmiet volontarji.*

**INT UKOLL TISTA' TKUN PARTI MINN DIL-KATINA TA' MĦABBA.**

**Għal aktar informazzjoni ċempel *99051756* jew ibgħat imejl lil *caruanamario1@gmail.com***

## Ġesù Kristu fil-ħajja tan-nisrani

RIFLESSONIJIET SPIRITWALI

B'Kara – MALTA 2020

Il-Mulej hu r-Ragħaj tiegħi ...
Imexxini fit-triq tas-sewwa
minħabba l-isem tiegħu.
Imqar jekk nimxi f'wied mudlam,
ma nibżax mill-ħsara, għax inti miegħi.
Il-ħatar tiegħek
u l-għasluġ tiegħek,
huma jwennsuni. *(Minn Salm 23)*

CSBJ MALTA

DEVOTION – COMMITMENT - WITNESS

*Kopji ta' dan il-librett qed jitqassmu lis-Sostenituri kollha tal-Komunità tad-Demm qaddis ta' Ġesù u lil persuni oħra skont id-diskrezzjoni tal-awtur.*

**Rif. ĠKFĦTN_MC9265M_2020**